MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 645/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**MOHAMMED BARWARI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mohammed Barwari born Iraq on the 25th July 1968, resides at 67, Sacred Heart, Fl 6, Triq Manoel De Vilhena, Gzira, GZR, holder of Maltese Id Card No: 100996M

Gie akkuzat talli fl-14 ta' Marzu 2012 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa Msida b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqs ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku,

involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kurt Caruana u dan waqt li kien qed isuq u/jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura numru KAB-587.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SB3 u nnutat li l-imputat Mohammed Barwari m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.
Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mohammed Barwari, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Mohammed Barwari taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mohammed Barwari li l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------